# Editorjal

# Minn Fomm għal ieħor

F'dawn il-ġranet tal-Ġimgħa Mqaddsa tisma' ħafna nies jitkellmu dwar id-diversi wirjiet imxerrdin ma' dawn il-Gżejjer. Minn ta' quddiem nett il-Wirja Kbira tal-Ġimgħa l-Kbira f'Ħaż-Żebbuġ ġewwa l-Każin tal-Banda San Filep.

Il-kummenti sbieħ tal-poplu, huma ta' sodisfazzjon kbir għas-Soċjetà Mużikali tagħna. Però l-ikbar unur għal-istess Każin San Filep, ikun jekk min jiġi jara din il-wirja, bir-Rakkont sħiħ tagħha tal-Passjoni, il-Mewt u l-Qawmien ta' Ġesù, joħroġ minn dan iċ-Ċirkolu xi ftit aħjar.

B'dan il-ħsieb ġo moħħu, il-Kumitat organizzattiv jidħol kull sena għal dan ix-xogħol hekk kbir u ta' spejjeż allavolja jaħbat ftit tal-ġimgħat biss qabel il-Każin San Filep jorganizza l-Festa tal-Patrun ta' Ħaż-Żebbuġ "San Filep". Aħna lkoll inħaddnu l-istess twemmin u għalhekk inħossuna fid-dmir li nagħmlu xi ħaġa sabiex tkompli tgħin lilna nfusna, lill-membri kollha ta' din is-Soċjetà Mużikali, kif ukoll lil dawk kollha Maltin u barranin li jiġu u jaraw din il-wirja.

Iżda barra dan il-ħsieb ewlieni wieħed ma jridx jinsa wkoll li wirja bħal din iġġib magħha ħafna xogħol, ħafna preparazzjonijiet ċkejknin minsuġa flimkien, ma' bosta elementi u għadd ta' ħidmiet akbar minn gruppi ta' membri li fl-aħħar mill-aħħar joħroġ ir-riżultat li għandna quddiemna li wieħed jista' jarah b'għajnejh – "Spettaklu ta' Wirja" ppreżentata hekk artistikament.

Il-preparazzjonijiet tad-drapp u l-ħjata tal-ħwejjeġ tal-Persunaġġi Bibliċi

• *għal paġna 5*

**Is-SOĊJETÀ MUŻIKALI**
**KAŻIN BANDA SAN FILEP** A.D. 1851

***tixtieq l-Għid it-Tajjeb***
***lil kulħadd.***

HSBC
col sep



Il-Banda taż-Żgħażagħ tal-Każin San Filep immexxija minn Mro. Michael Ciantar



Il-*Chorus Filippus* ta' l-istess Każin immexxi minn John Ciantar

# Express
## Aluminium Limited

Importers and manufacturers of all type of aluminium works, specialising in circular works with more than 13 years experience in craftsmanship and finish.

***Our range of products include:***
**Showroom Facades, Vertical Blinds, Maltese Style Balcony, Rolling & Sliding Nets, Light Weight Aluminium Chairs and Folding Tables, Roller Shutters, Work In Double-Glazing Finish & Spiral Staircases**

*Give us a ring or call personally for advice and free estimates at our showroom where we are always available to help you make the right decision.*

**"Express Building",**
**Mdina Road, Żebbuġ ZBG 06, Malta**
**Tel: 461078 / 465110**
**Fax: 465798**

kull sena jkunu fdati f'idejn ħabrieka tal-Kumitat tas-Sezzjoni Nisa tas-Soċjetà Mużikali Każin Banda San Filep.

Wieħed jinnota li kull min jara din il-wirja kull sena għandu dejjem isib xi ħaġa miżjuda mis-sena ta' qabel.

Fiż-żmien modern ta' llum it-tagħrif sar parti essenzjali mill-manifestazzjonijiet. Jekk inħarsu lejn il-bosta serati, attivitajiet teatrali, sportivi jew xi programm mużikali jkun hemm marbut magħhom ktejjeb ta' l-okkażjoni li jwassal stampa ta' dak li jkun qiegħed isir. Għal din l-okkażjoni l-Każin San Filep qiegħed jippreżentalkom dan il-ktejjeb li għandkom issibuh interessanti.

Nirringrazzja lil dawk kollha li ħadmu u għadhom jgħinu f'kull qasam, fix-xogħol li tirrikjedi l-Wirja nnifisha, fil-preparazzjoni tal-Banda – Surmastrijiet u bandisti. Xogħol biex seta' jsir dan il-ktejjeb u affarijiet meħtieġa oħra.

Nirringrazzjaw ukoll lil dawk kollha li qegħdin jiġu u jaraw din il-wirja – apprezzawha u jitgħallmu xi ħaġa minnha.

Is-Soċjetà Mużikali Każin Banda San Filep tixtieq twassal l-Għid it-Tajjeb lil kulħadd.

Tistieden ukoll lill-poplu jipparteċipa magħha fil-purċissjoni bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt nhar il-Għid il-Kbir filgħodu bis-sehem tal-Banda San Filep.





Dun Karm Gatt (Direttur Spiritwali tal-Każin San Filep), Dr Godfrey Farrugia (ex-Sindku ta' Ħaż-Żebbuġ), Dr John Attard Montalto (President tal-Każin San Filep) u M. Didier Destremau (Ambaxxatur Franċiż) qabel il-ftuħ tal-Wirja ta' l-1999.



Uħud mill-mstednin għall-ftuħ tal-Wirja tal-Ġimgħa l-Kbira 1999 fil-Każin San Filep.



Iċ-ċenaklu tal-Wirja fil-Każin San Filep.



Ix-xena grandjuża tal-Kruċifissjoni fuq il-Golgota - Każin San Filep.


CAPRICE LTD.
It's not what you think
but it's
Glass Fusing
142, Ghar-Ram Road, Zebbug ZBG 06
Tel: 46 02 02 - 46 42 58
GSM 0949 3110

**Unisex Boutique & Sports Wear**

Sciortino Street,
Żebbuġ
Tel: 466244
Fax: 462247

Under Same Management

**maxim**

**Lingerie ETC.**

Mons. S. Milanesi Str.,
Żebbuġ
Tel: 466217

# ONYX

## *Jewellers*

**232, Żabbar Road, Paola**
**Tel: 673286**

# JADE

**Jewellers**
**Main Street, Żebbuġ**
**Tel: 463833**

Gold - Silver - Diamond Rings
Silverware

Elmo

## Elmo Insurance Services Limited

Representatives for:

ROYAL & SUNALLIANCE

Zebbug Branch, Mdina Road, Zebbug (Next to De Rohan Arch)
Tel: 462012 Fax: 461998

**All types of insurance**

# IT-TQASSIM
# TAL-WIRJA GRANDJUŻA
# TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA

## FIL-KAŻIN BANDA SAN FILEP A.D. 1851

### Sala 1: IĊ-ĊENAKLU

Rappreżentat b'sett ta' tlettax-il statwa kbira *(life size)* u artistika, xogħol l-istatwarju magħruf ALFRED CAMILLERI CAUCHI flimkien mal-kontribut mhux żgħir ta' bosta membri tal-każin. Ta' min jgħid li l-ikel li jidher fuq il-mejda quddiem l-appostli jkun imsajjar frisk kull sena skond riċetti Lhud.

### Sala 2: IL-VIA CRUCIS

Sett ta' vari żgħar tas-Sur Joe Sammut, li juru l-episodji prinċipali tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù kif aħna mdorrijin narawhom fil-knisja u fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Is-sett jinkludi Sepulkru mmudellat fuq dak ta' l-Imdina, kif ukoll Via Sagra, bandalori u ornamenti oħra li fiċ-ċokon tagħhom iġegħluk tiggustahom.

### Sala 3: KRUĊIFISSJONI

Xogħol grandjuż ta' ALFRED CAMILLERI CAUCHI li ħoloq ix-xena tal-GOLGOTA fuq skala kbira u realistika li tagħmel din il-wirja unika f'Malta. Fiha għaxar persunaġġi, tlett islaleb kbar u xenarju spettakulari.

*Il-parti l-kbira tax-xogħol sar minn membri bieżla u ġenerużi tal-każin li taħt id-direzzjoni ta' l-artist Alfred Camilleri Cauchi għamlu monument ieħor li jixhed il-ħila tagħhom.*

bov

# FREDDIE'S

Għand Freddie ssibu żraben eleganti tan-nisa,
żraben għal tibdila, ta' l-irġiel u tat-tfal, casuals,
sport shoes minn ditti renomati, basktijiet ta'
l-iskola, handbags u kartieri

***Sciortino Street, Żebbuġ***

# FOOTWEAR

***Tel: 465915***

## St Philip's Bar & Restaurant

# Pizzeria

*Southern Style fried Chicken*

*We also do pizza for delivery service*

**Sciortino Street, Żebbuġ – Tel: 466472**


Uniqueness
Tradition
Quality Craftsmanship
S.M.W. CORTIS

# Il-Wiċċ ta' Kristu 'tal-Każin San Filep'

*mit-Tabib Godfrey Farrugia*



Il-Bieb De Rohan ifakkarna f'diversi avvenimenti Żebbuġin li ġew iċċelebrati fil-viċinanza tiegħu. Iżda bla dubju dan il-monument jagħti ġieħ lill-isem beltna, Città Rohan, għax twaqqaf bħala parti mill-wegħda li missirijietna għamlu biex Ħaż-Żebbuġ jingħata titolu ta' belt.

Madankollu jien tal-fehma li llum il-ġurnata ftit huma dawk in-nies li jafu li f'dan il-Bieb tinsab niċċa żgħira ddedikata lill-Wiċċ ta' Kristu msallab. Din qiegħda 'l fuq minn blata ta' bieb żgħir li jinsab fuq in-naħa tal-lemin taħt il-mina. Din in-niċċa ta' l-injam għandha stil gotiku u turi kwadru ta' Kristu nkurunat b'kuruna tax-xewk u wiċċu li juri t-tbatija li Hu sofra għalina. Dan l-istil ta' xogħol fl-injam ma tantx hu komuni f'dawn l-inħawi, tant hu hekk li din hi l-unika niċċa ta' din l-għamla li nsibu f'Ħaż-Żebbuġ. Fin-naħat tal-Belt Valletta u l-Kottonera dawn in-niċeċ huma ferm aktar popolari.

Fl-imgħoddi meta dan il-Bieb kien id-daħla ewlenija ta' Ħaż-Żebbuġ, għax Vjal il-Ħelsien ma kienx jeżisti bħala triq, id-devozzjoni lejn din in-niċċa kienet

• *għal paġna 17*

*Mayfair Hall*

**Każin tal-Banda San Filep, Ħaż-Żebbuġ**

*Għal kull okkażjoni privata tiegħek, bħal Magħmudija, Preċett, Griżma, eċċ*

Prezzijiet Moderati

Tel: 463003




JOLLY

# COMPONIBILI 2

**FOR KITCHENS - BEDROOMS - WALLUNITS - SETEES**
**FURNISHING HOTELS & HOLIDAY APARTMENTS**

Mdina Road, Żebbuġ - Malta

**Tel/Fax: +356 466154**

ferm aktar qawwija milli hi llum. Fl-aħħar snin din id-devozzjoni reġgħet qed tqum. Dan kien riżultat ta' l-inizjattiva li l-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ kien ħa biex jikkonserva n-niċċa. Dan twettaq fil-ġimgħat ta' qabel is-17 ta' Ġunju 1995 meta Bieb De Rohan innifsu kien ġie kkonservat minn flus il-Kunsill Lokali. Din il-ħidma kienet saret bla ħlas minn Joe Camilleri li wara snin ta' abbandun, b'sengħa liema bħalha, reġa' ta l-ħajja lil din l-opra artistika.

Din in-niċċa hi mżejna b'xemgħa u fjuri u hi kkurata ferm tajjeb mix-xjuħ li ta' kull filgħaxija b'mod partikolari fil-ġranet twal tas-sajf, jinġabru bil-qiegħda għall-frisk ilabalbu u jaraw il-ħajja ta' kuljum għadejja minn quddiemhom.

Fuq in-naħa l-oħra tal-pilastru tal-mina mwaħħal fl-għoli 'l fuq mid-daħla li tagħti għall-garigor tal-bejt ta' Bieb De Rohan, hemm fanal imdaqqas li qabel id-dawl elettriku kien jintuża biex jinxtegħel il-Bieb bil-ftila taż-żejt, iżda llum jintuża biex tinxtegħel xemgħa f'ġieħ ix-xbieha tal-kwadru.

Iżda dan kollu jfakkarna f'okkażjonijiet oħra fejn xi Żebbuġin kienu taw sehemhom biex tissebbaħ din in-niċċa. Nhar id-29 t'Ottubru 1947 din in-niċċa ta' l-injam kienet reġgħet inħadmet mill-ġdid wara li kienet intlaqtet minn trakk li kien għaddej minn taħt il-mina ta' Bieb De Rohan. Kienu Pawlu Caruana u Anthony Micallef li b'dedikazzjoni kbira ġabru l-biċċiet u ħadmu replika oħra

• *għal paġna 19*


# DE ROHAN FLORA

The shop 'De Rohan Flora' is going to close in July.
If you want any service from the owners,
please apply at:

'Ave Maria'
Triq il-Baruni V. Azzopardi,
Żebbuġ

or phone
Tel: 467745

# TOP STYLES
# Boutique

**17, City Gate, Valletta — Tel: 237806**
**5, Paris Street, Żebbuġ — Tel: 462470**
**67, Nazzareno Dalli Street, Birżebbugia — Tel: 657990**

BAKERY
# Maypole
LTD

*Carmel Debono*

14, St Joseph Street, Qormi.

1, Victory Street, Qormi.

Tel 488992 • Fax: 442778

**FANCY BREAD**

tan-niċċa. Għalhekk fuq wara tan-niċċa eżattament fuq il-kwadru, insibu miktub hekk: "Jien hawn niffirma dan il-kwadru għan-nom tal-Każin San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ, 29/10/47. Pawlu Caruana, 329, Triq il-Kbira, Ħaż-Żebbuġ, Malta." Din il-kitba tagħti x'tifhem li l-ispejjeż ħariġhom l-istess Każin. Wara kollox il-kuraturi tal-Bieb, li hu proprjetà tal-Knisja Arċipretali, dejjem kienu membri ta' din l-għaqda u ċ-ċavetta minn ġenerazzjoni għall- oħra baqgħet f'idejhom.

Fis-sena 1987 t-tila b'wiċċ Kristu mpitter kienet tmermret. Fuq inizjattiva ta' Carmelo Gatt tqiegħed ritratt li kien jixbah lil dak li kien hemm minfloku. Dan kien inxtara minn ħanut tar-ritratti fi Triq San Bastjan Ħal Qormi u wara ġie kkulurit b'żebgħa taż-żejt biex jikkomplimenta l-istil tan-niċċa. Dak inhar li tqiegħed fin-niċċa kienet saret ċerimonja ċkejkna u l-Arċipriet ta' dak iż-żmien, Dun Lawrenz Cachia, bierek in-niċċa fost iċ-ċapċip ta' ġemgħa żgħira ta' nies li kienu jiffrekwentaw il-post. Minn dak iż-żmien 'l hawn din l-istess niċċa reġgħet tbierket darb'oħra proprju meta Bieb De Rohan ġie inawgurat mill-ġdid wara l-konservazzjoni li saret fuq l-istruttura tiegħu fis-sena 1995.

Dan it-tagħrif hu xhieda ta' devozzjoni popolari, iżda jħallina b'kurżità waħda. Ir-raġuni għalfejn u meta twaqqfet din in-niċċa f'Bieb De Rohan? Tgħid kienu s-soċji ta' l-istess Każin San Filep li minn rajhom waqqfu din in-niċċa biex tilqa' u tbierek lil kull min jgħaddi minn "Bieb il-Ġdid."


HORIZON 2000
computer systems
Vjal il-Ħelsien, Żebbuġ ŻBG 03
Tel: 462236 Fax: 462236 e-mail: horizon200@mail.global.net.mt

- **Pentium II/III Computer Systems**
- **Computer Upgrades**
- **Computer Software**
- **Computer Accessories**
- **Computer Customer Support**
- **Programming to client's needs**
- **Computer Academic Courses, Lessons for all ages; From introduction to O Level**
- **Photocopy Service**
- **Repair Services on all systems**

maresco

ENJOY MITSUBISHI AIRCONDITIONERS

*The right solution*

**Visit our showroom in Żebbuġ or Telephone 460286, 467142**

# Il-Passjoni u l-Mewt ta' Gesù...

## *Minjiera ta' Riflessjonijiet*

***Jikteb Philip Agius***

Meta wieħed jiġi biex jikteb dwar il-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu jidħol f'minjiera ta' riflessjonijiet.

San Mattew fil-Vanġelu tiegħu jirrakkonta hekk fid-dħul tiegħu dwar il-Passjoni u l-Qawmien mill-imwiet ta' Ġesù. "Il-qassisin il-kbar u x-xjuħ tal-Poplu nġarbu fil-palazz tal-qassis il-kbir li kien jismu Kajfa u bdew jiftehmu kif jaqbdu lil Ġesù bil-qerq ta' moħħhom u jagħtuh il-mewt."

Attenzjoni oħra tmur fuq Ġuda, kif dan kien irnexxielu jiftiehem mal-kotra biex jiġi maqbud Ġesù. L-istess San Mattew jirrakkonta hekk dwar Ġuda li kien tahom sinjal u qalilhom: "Lil dak li nbus, dak hu aqbduh." U minnu fih resaq fuq Ġesù u qallu "Is-sliem għalik Rabbi! u biesu, u Ġesù qallu, "Ħabib, għalhekk ġejt int." Huma resqu lejh, middew idejhom fuq Ġesù u qabduh.

Semmejna l-qassisin il-kbar. Fil-fatt wieħed kien il-qassis il-kbir u dan kien Kajfa fil-kariga f'dak iż-żmien. Li ġara kien li l-qassis il-kbir ta' qabel Kajfa kien Anna, li kien għadu jżomm il-post ta' l-unur.

Ir-Rumani meta kienu rebħu lill-Palestina u għamluha provinċja tagħhom kienu żammew id-dritt li lill-qassis il-kbir ikunu jistgħu jibdluh meta jidhrilhom huma u hekk ma jibqax fil-kariga tiegħu sa ma jmut. Min-naħa l-oħra Kajfa kien miżżewweġ lit-tifla ta' Anna.

• *għal paġna 23*

Paul Woodworks

Prop. PAUL SCHEMBRI

Garage No. 2 Plot 17, N/S Off Mdina Road, Żebbuġ, Malta
Tel: 466615

# *MOUSÙ TRAVEL SERVICES LTD*

---

**31, Spencer Hill,**
**Marsa HMR 12, Malta**
**Tel: (+356) 230301 / 225706**
**Fax: (+356) 230301**

## Pace Fire Prevention

**SUPPLY, INSTALLATION & SERVICE**
**OF FIRE FIGHTING**
**& FIRE DETECTION EQUIPMENT**

*SALES & SERVICE CENTRE*
VALLENDAR, PINTO JUNCTION, QORMI QRM 06
TEL/FAX: 444924

*OFFICE*
180, VICTORY STREET, QORMI QRM 06

Dawk li qabdu lil Ġesù ħaduh quddiem Kajfa matul il-lejl, fejn diġà kienu nġabru l-kittieba u x-xjuħ tal-poplu. L-għan kien wieħed biex jaraw xi xhieda li setgħu jġibu kontra Ġesù.

Storikament nafu li r-Rumani kienu neħħew id-dritt lil-Lhud milli jkunu jistgħu jagħtu l-mewt lil xi ħadd. Għalhekk il-għada filgħodu, il-Ġimgħa, l-Kunsill tas-Sanhedrin miftehmin bejniethom biex lil Ġesù jaqtgħuhielu għall-mewt, ħaduh marbut magħhom biex jagħtuh f'idejn Pilatu. (Dan Pilatu dam imexxi bħala Gvernatur tal-Palestina għal 10 snin, mis-sena 26 sas-sena 36).

Pilatu mill-ewwel kien għaraf li Ġesù kien innoċenti. Kien għaraf ukoll li kienet l-għira li ġagħlet lill-kbarat tal-Lhud jagħtuh lil Ġesù f'idejh. Hu beda jibża' jieħu deċiżjoni li jagħti l-mewt lil Gesù. Niftakru kif il-mara tiegħu daħlet f'din il-ġrajja bil-ħolm tagħha.

Pilatu filwaqt li ried jeħles lil Ġesù mill-mewt beda jibża' li l-Lhud jirraportawh lill-mexxejja tiegħu ġewwa Ruma. Hu ħabbel moħħu biex daħħal fin-nofs lil Erodi u wara lil Barabba. Dan ma kien sewa għalxejn. Il-poplu kien imxewwex u ried il-mewt ta' Ġesù. Hawn Pilatu qabad u ħasel idejh fl-ilma quddiem in-nies u qal, "Jien m'inhix ħati ta' dan id-demm, dan arawh intom!" Il-poplu miġbur qabeż u qal, "Demmu fuqna u fuq uliedna!"

Dwar il-ħasil ta' jdejn Pilatu, il-Knisja ssostni li ma jfissirx li Pilatu kien ħieles mir-responsabbilità tiegħu fil-mewt ta' Ġesù.

Filwaqt li dwar il-kliem "Demmu fuqna u fuq uliedna," il-Knisja tgħid ukoll li ma tħossx li ntefa' l-piż fuq l-ulied tal-Lhud li ġew wara.

Pilatu tul il-perjodu tiegħu bħala Gvernatur tal-Palestina kien hemm żmien fejn kien kisirha mal-Lhud. Biex dan ma jerġax jgħaddi minnu ordna li Ġesù jiġi msawwat u wara jerġa' jippreżentah quddiem il-poplu bit-tama li meta jarawh

• *għal paġna 27*

SUNNY GATT

*Għal tqegħid ta' madum taċ-ċeramika ta' l-art u tal-ħajt, madum tas-'cement' u turġien bil-madum taċ-ċeramika*

"Vicsun House"
St Roque Street
Żebbuġ

Tel: 467753
Mob: 097 0180

# Programm

**tal-Ftuħ tal-Wirjiet Annwali**
**tal-Ġimgħa l-Kbira**
**fil-Każin Banda San Filep A.D. 1851**
**nhar l-Erbgħa 12 ta' April 2000**
**fis-18.30**

*Programm Mużikali*
**mill-Banda taż-Żgħażagħ**
**tal-Każin San Filep**

*Diskors ta' l-okkażjoni mill-President tal-Każin*
**Dr John Attard Montalto B.A.(Hons.) LL.D., M.P.**

*Ftuħ ufficjali tal-Wirjiet*
**mill-Onor. Anton Tabone M.P.**
*Speaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti*

*Tberik mill-W.R. Arċipriet ta' Ħaż-Żebbuġ*
**Dun Charles Attard**

*Jippreżenta l-Programm*
**is-Sur Joseph Schembri**

**ĦINIJET TAL-FTUĦ TAL-WIRJIET**

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ħamis 13 sa l-Erbgħa 19 ta' April | 09.00 - 12.00 | 18.00 - 22.00 |
| Il-Ħamis 20 ta' April | 09.00 - 12.00 | 18.00 - 23.00 |
| Il-Ġimgħa l-Kbira 21 ta' April | 09.00 - | 22.00 |

# Programm

## MUŻIKALI U VOKALI

li se jiġ i esegwit fi Triq Sciortino Ħaż-Żebbuġ,
**mill-Bandisti Żgħażagħ tal-BANDA SAN FILEP**
**bħala parti miċ-ċerimonja tal-ftuħ**
**tal-Wirja tal-Ġimgħa l-Kbira**
**fil-Każin Banda San Filep**
**nhar l-Erbgħa 12 ta' April 2000 fis-18.30**

| | | |
|---|---|---|
| Traditional Song | **AMAZING GRACE** | Arr. G. Sebesky |
| Preghiera | **AGNUS DEI** | G. Bizet |
| Intermezzo | **BELLS ACROSS THE MEADOW** | A.V. Ketelby |
| Marcia Funebri | **OMM IMNIKKTA** | Imilda Tanti |
| Marcia Funebri | **IN MEMORY OF CONCETTA CORTIS** | Mro. M. Ciantar |
| Cantata | **GRAND FINALE** | J.S. Bach |

Jidderieġi l-banda
Mro. **Michael Ciantar** A.(Mus.) LCM
u jieħu sehem ukoll
il-kor tas-Soċjetà **Chorus Filippus**
immexxi minn **John Ciantar**

***Nhar il-Ħadd 23 ta' April 2000***
***il-Banda San Filep takkumpanja l-Purċissjoni***
***ta' l-Irxoxt li toħroġ mill-Parroċċa ta' San Filep.***

# TAL-PATRI

## DISCOUNT STORE

Prop. P. & A. Agius

*Għall-orħos u l-aqwa kwalità*

*Free Delivery*

Triq Mons. Milanesi, Żebbuġ

Tel. Shop: 466176 • Tel. Store: 460940

*(kantuniera ma' Triq l-Isqof Caruana, ħdejn l-iskola - taħt is-sala tal-Każin 12th May*

**ĦINIJIET TAL-FTUĦ:**

mit-Tnejn sal-Ġimgħa 6.00am - 12.00pm u 4.00pm - 7.00pm

Is-Sibt 6.00am - 1.00pm

# BARGAIN WORLD

*Issibu underwear, household, stationery, toys, cards, gifts etc. Għandna wkoll selezzjoni kbira ta' affarijiet.* ***Bil-LIRA****! Souvenirs minn tnejn sa ħamsa b'lira biss.*

***Ejjew u tiffrankaw żgur***

***Tel: 467036***

jitilquh, u hekk jeħilsu mill-mewt tas-salib. Din ma rnexxietx l-anqas.

Hawn tajjeb li ngħidu li filwaqt li l-Lhud kienu jagħtu 40 daqqa, ir-Rumani ma kellhomx limitu tas-swat. Kienu jibqgħu jsawtu sakemm dak li jkun ikkundannat kien jintilef minn sensieh. Il-frosti kien ikollhom fit-tarf tagħhom, għadam jew boċċi tal-metall. (Naħseb li l-liżar ta' Turin ġewwa l-Italja hu ritratt awtentiku ta' din il-flaġellazzjoni). Wara dan is-swat kollu x'ħin Ġesù kien ġie xi ftit f'tiegħu niftakru wkoll, li s-suldati rumani nkurunawh bil-kuruna tax-xewk.

Il-ġrajja li wasslet għat-tislib ta' Ġesù fuq il-Golgota ssoktat tul in-nofs ta' nhar ta' filgħodu. Billi dak iż-żmien kienet użanza ffrekwentata ħafna dik ta' l-ikkundannati għall-mewt imsallbin fuq il-kalvarju kien hemm imwaħħlin l-antarjoli fissi tal-post. Issa dawk li kienu jiġu kkundannati għat-tislib kienu jġorru l-injama l-minduda sa fuq din l-għolja.

Hekk ġara fil-każ ta' Ġesù Kristu u għalkemm wieħed jista' jgħid li mill-fortizza fejn Pilatu għadda lil Ġesù għat-tislib ma hemmx ħafna bogħod biss tul din it-triq Ġesù waqa' diversi drabi, ta' l-inqas tliet darbiet. Billi r-rumani kellhom id-dritt li jqabbdu lil xi ħadd biex tul it-triq jgħin lill-ikkundannat u fl-istess ħin raw li s-saħħa ta' Kristu ma kinitx f'kundizzjoni tajba tant li bdew jibżgħu li kien sejjer imut fit-triq, qabel iwassluh fuq il-Golgota, huma qabbdu lil Xmun Ċirinew jerfagħlu l-għuda.

Użanza oħra li kienet eżistenti f'dak iż-żmien kienet li dawk l-ikkundannati kif iwassluhom fuq il-golgota jisquhom inbid imħallat bil-mirra. Dan kien speċi ta' droga biex nifhmu aħjar, ħalli tittaffa xi ftit it-tbatija. Għal dan ix-xogħol kien hemm numru ta' nisa ta' qalbhom tajba li kienu jippreparaw din ix-xarba u jmorru joffruha biex jixrobha lil min kien ikun għaddej minn din il-kundanna tas-salib.

Ġesù rrijuta li jixrob minn din it-taħlita għax ried ibati kollox sa l-aħħar. San Mattew kiteb hekk: "Tawh jixrob inbid b'taħlita morra; Hu daqu u ma riedx jixorbu."

• *għal paġna 29*

Refined Aluminium

***Għal kull xogħol ta' Aluminium bi prezzijiet tajbin***

*Irrikorru:* **MARIO BONNICI**

Mdina Road, Żebbuġ • Tel: 465170 - 099 7740

# TOP HAT

QORMI

*Hiring of suits for men & boys for all occasions*

*Tieġ, Preċett, Griżma,*
*Toga tal-Gradwazzjoni*

**TAILORING & HIRING SERVICE**

**Tel: 488241, 498879**

# SHAKIN DISCO

*Prop. Stephen Galea*

**Għal kull tip ta'**
**Party, Disco u Tiġijiet**

41, Triq il-Ħofra, Żabbar

Tel: 801844, 0945 0847

San Mark fl-Evanġelju tiegħu jgħidilna li kienu d-disgħa ta' filgħodu x'ħin sallbu lil Kristu.

Min-naħa tar-rumani filwaqt li ma kinux jiddejqu jneħħu l-ħwejjeġ kollha minn fuq dak li kien ikun ikkundannat, min-naħa l-oħra l-Lhud ġewwa l-Palestina kienu jemmnu ħafna fid-diċenza. Ma jidhirx li hemm provi li Ġesù neħħewlu l-ħwejjeġ kollha jew jekk kellux xi forma ta' għata fuq is-salib. Li hu żgur kien li l-libsa li kellu fuqu kienet imwaħħla mal-ġrieħi. Kienet tbatija oħra x'ħin din neħħewhielu minn fuqu.

Jidher li Ġesù ġie msammar mill-polz. Tobba li għamlu studju kbir dwar il-Kruċifissjoni jsostnu li l-imsiemer għaddew minn bejn l-għadam tal-polz. (Tmien għadmiet li għandna biex inkunu nistgħu nħaddmu jdejna sewwa). B'hekk biss seta' l-ġisem jibqa' mdendel u ma jiċċarrtux idejh. F'din il-parti ta' l-id għaddej *medial nerve* li anke jekk jintlaqat iweġġa', aħseb u ara jekk jissammar. L-istudju jkompli li sakemm Ġesù dam imsammar idejh twalu madwar żewġ pulzieri kull waħda. Hu kellu diffikultà biex jieħu n-nifs minħabba l-uġiegħ u tul dan il-ħin tat-tbatija hekk kbira kien jagħfas saqajh mal-musmar ta' saqajh biex jitla' xi ftit 'il fuq u b'hekk idum ma jmut.

Bħala bniedem Ġesù Kristu kien raġel b'saħħtu. Età ta' 33 sena f'persuna fl-aħjar tagħha. Raġel imsajjar b'xogħol ta' mastrudaxxa, li x-xogħol kollu jsir bl-idejn. Mitmugħ b'arja nadifa minn kull kwalità ta' kontaminazzjoni. Tul il-flaġellazzjoni nkissru fuqu r-regoli kollha, qala' ħafna swat bl-addoċċ mir-rumani u tilef ħafna demm.

Nispiċċa bil-"Kelma ta' l-Arċipriet", Dun Charles Attard, li kiteb hekk f'Is-Sliem, "Leħen il-Parroċċa" ta' Ħaż-Żebbuġ, Diċembru 1999:- "Aħna lkoll aħna msejħin biex nagħmlu paċi m'Alla, kif ukoll biex inħabbru s-sena tal-grazzja tal-Mulej, jiġifieri li nħabbru lil kulħadd dak kollu li għamel ma' kull wieħed u waħda minna u l-aktar għat-tjieba u l-ħniena li Huwa wera magħna."


**THE CATHEDRAL GROUP**

**MALTA'S BEST OPTICIANS FOR CORRECTIVE EYEWEAR**

**NOW OFFER 10% - 30% OFF ON FRAMES**

**Appointments for Eye Examination**

G'Mangia - 226020; Fgura - 673332; Żebbuġ - 465768

Rabat - 453213; San Ġwann - 377157; Naxxar - 431152; Valletta - 243198

**ONE HOUR SERVICE**

Main Office: Gardjola Gate, Mimosa Street, (St Luke's Road), G'Mangia MSD 09

# COOKER SERVICES

All types of Tops and Stoves,
Gas & Electric.
Built in & Free Standing

**214, Imdina Road, Żebbuġ.**
**Tel: 464121 — Mobile: 0947 6919**

STATIONERY and TOYS
die ECKE
Tel: 463403
Mons. M. Azzopardi Street, Siggiewi.

**We stock a large variety of GREETING CARDS, BOOKS, MAGAZINES, SURROUND SYSTEMS, HI-FI, VIDEO PLAYERS, T.V., PLAYSTATION (GAMES), HOUSEHOLD GOODS, ALL SORTS OF STATIONERY, BINDING, PHOTOCOPIES, I.D. PHOTOS AND A LARGE VARIETY OF GIFTS.**

*The largest toy shop in town*
*where you'll find everything you'll ever need*

# Is-Sena 2000:
## Is-Sena tal-Ġublew il-Kbir

Lejlet il-Milied li għadda rajna lill-Papa Ġwanni Pawlu II jiftaħ il-Bieb Imqaddes tal-Bażilika ta' San Pietru f'Ruma biex jagħti l-bidu għall-Ġublew il-Kbir li jfakkar l-2000 sena mit-twelid tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu.

### X'kien il-Ġublew fit-Testment il-Qadim?

Alla ried li l-poplu jkollu sena speċjali wara kull seba' Sena Sabbatina. Is-Sena Sabbatina kienet l-aħħar sena f'perjodu ta' seba' snin. Din is-sena kienet ordnata minn Alla nnifsu fil-ktieb tal-Levitiku (25:14): "*U l-Mulej kellem lil Mosè fuq il-muntanja Sinaj u qallu: 'Kellem lil ulied Israel u għidilhom: Meta tidħlu fl-art li jien se nagħtikom, ikollha l-art is-Sibt tagħha, il-mistrieħ tagħha f'ġieħ il-Mulej: sitt snin tiżra' r-raba' tiegħek, u sirr snin tiżbor id-dwieli*

• *għal paġna 33*




Hair Zone

**by Ruth**

*(City and Guilds)*

***Women Salon***

Ipprova l-prezz
u s-servizz

183, Victory Street,
Qormi
*(Quddiem il-Knisja tal-Vitorja)*
Telephone: 499777
Mobile: 0944 6957

**KING CONFECTIONERY LTD**

Caterers for all functions

Mdina Road, Żebbuġ Malta

Tel/Fax: 460523

A E P

LAWRENCE





Air Conditioning

Sales, Repairs & Servicing,

Electrical & Plumbing




Tel: 445383

Mob: 0949 8568

*tiegħek, u tiġbor il-frott tagħhom. Imma fis-seba' sena l-art ikollha l-mistrieħ tas-Sibt."*

L-għan tas-Sena Sabbatina ma kienx biss li l-art ikollha l-mistrieħ tagħha, imma kien ukoll skop reliġjuż u soċjali: "*L-art hi tal-Mulej, u bħala s-Sid Hu ried li dak li jikber fiha b'mod spontanju fis-7 sena ma jkun ta' ħadd partikulari, imma ta' kulħadd, speċjalment tal-fqar"* (Eżekjel 23:10).

Għalhekk is-sena tal-Ġublew kienet is-sena li fiha Alla jafferma d-dritt tiegħu fuq l-art u l-poplu. F'din is-sena:

1. l-art terġa' lura għand is-sidien oriġinali tagħha,
2. kienu jinħelsu l-ilsiera Lhud,
3. kien jinħafer id-dejn tal-midjunin u
4. l-art ma kinetx tinħadem u l-foqra kienu jitħallew jiġbru minnha li jsibu.

**F'kelma waħda, il-ġublew kien żmien ta' grazzja, żmien ta' maħfra meta kollox u kulħadd, saħansitra l-art, kien jingħata ċ-ċans jibda mill-ġdid.**

## Ftit storja tal-Ġublew

Matul l-istorja l-Knisja ċċelebrat ħafna ġublej biex tfakkar 'l uliedha fis-salvazzjoni li ġabilna Kristu.

*• għal paġna 35*


*Body Care*

**Josephine Azzopardi I.B.Th**
89, Mula Road, Żebbuġ
Tel: 466895/461499 Mobile: 097 8661

**The Latest Technology Machine Next to Surgery:**

- Bust Lifting
- Cellulite Treatment
- Water Retention
- Relaxation Treatment
- Face Lifting
- Acne
- Waxing
- Eyebrow Shaping
- Pedicure
- Manicure
- Make-up
- Facials
- CRYO and Thermotherapy
- Painless Epilation

**Also Head-Dresses, Bouquets and Souvenirs for Weddings and Holy Communion**

# Nikola Gorg Bakery

**Nicolò Baldacchino Street, Siġġiewi**
**Tel: 466509**

Forn speċjalizzat għall-Ħobż Malti
Issibu wkoll panini, ħobż slice tal-Franċiż,
pasti ta' kull kwalità, bziezen, kagħak.
Fl-Għid issibu wkoll kagħak ta' l-Appostli, figolli.

**Xiwi tad-dixxijiet nhar ta' Ħadd u fost il-ġimgħa. Tavża qabel.**

Fl-4.00a.m. jiġi servut il-ħobż.
Bejn is-6.30a.m. u t-8.30a.m. jingħalaq il-Forn.
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8.30a.m. sas-6.00p.m.
L-aħħar furnata ħobż toħroġ fit-3.00p.m.

**Il-klijent jiġi moqdi dejjem fil-Ħdud u l-Festi**



# DONALD CAR SPRAYER

*DONALD AXISA*



***ANGDOR***
***TRIQ IL-ĦSAD,***
***SIĠĠIEWI QRM 15***
*Phone: 464034*
*Mobile: 0947 7150*

L-ewwel ġublew fit-Testment il-Ġdid issejjaħ mill-Papa Bonifaċju VIII fis-sena 1300 W.K. Għall-Milied tas-sena ta' qabel (1299) eluf ta' pellegrini marru Ruma biex jitolbu fuq l-oqbra ta' San Pietru u San Pawl biex jinħelsu mill-bosta flaġelli li kienu jaħkmu d-dinja. Il-Papa milqut mill-fidi tagħhom, ipproklama s-sena ta' wara bħala ġublew.

Is-sena tal-ġublew bdiet tinżamm għall-ewwel kull 100 sena, imbagħad kull 50 sena. Issa qed tinżamm kull 25 sena. F'dan is-seklu kienu ċċelbrati wkoll Ġublei fl-1993 u fl-1985 biex ifakkru l-mewt u l-qawmien ta' Sidna Ġesù Kristu.

Id-drawwa tal-ftuħ tal-bieb imqaddes bdiha l-Papa Martin V fl-1425 meta fetaħ il-bieb tal-Knisja ta' San Giovanni Lateran f'Ruma.

Fil-ġublew ta' l-1500 il-Papa Alessandru VI beda d-drawwa tal-ftuħ ta' l-erba' bibien tal-bażiliki maġġuri ta' Ruma.

## Il-Bieb Imqaddes

Il-bieb jissejjaħ imqaddes għaliex il-ftuħ u l-għeluq tiegħu jimmarkaw opportunità speċjali għall-qdusija, ir-riferenzi kollha huma għall-bieb tat-

• *għal paġna 37*



KINGBABY

*Baby wear, Underwear, Stationery, Photocopy, Haberdashery, etc.*

HATS FOR HIRE

1/2 Grace Street, Żebbuġ ZBG 04 Tel/Fax: 468819

*Pastizzeria & Confectionery*

**Caterers for all Functions**

Robert Mercieca
*Proprietor*

**Triq iċ-Ċawsli, Qormi**
**Tel: 442887 (Dolceria), 440373 (Shop) — Mob: 0944 3394**

# CORONATION CANDLES

***Manufacturers of different types of candles***



**Mdina Road, Żebbuġ**
**Tel: 461320 / 460304**

Tempju ta' Ġerusalemm, u għax skond San Ċiprijanu, il-midneb, priv mill-qdusija, isib il-bieb tal-ħajja ta' dejjem magħluq ma' wiċċu.

Il-Bieb jissimboleġġa li Ġesù Salvatur, li qal "*Jien hu l-bieb tan-nagħaġ… min jidħol bija, isalva*" (Ġw 10: 7.9)

## Elementi Ewlenin tal-Ġublew

**Pellegrinaġġ –** mit-twelid sal-mewt il-bniedem qiegħed fuq vjaġġ. L-Iskrittura ssemmi diversi każi ta' pellegrinaġġi lejn bliet (bħal Betel u Silo) fejn kienet tinżamm l-Arka tal-Patt. Ġesù wkoll ta' 12-il sena tela' Ġerusalemm flimkien ma' Marija u Ġużeppi.

**Il-Bieb Imqaddes –** Tgħaddi mill-Bieb tal-Ġublew ifisser stqarrija li Ġesù biss hu l-Mulej. Ifisser deċiżjoni libera u qalbiena li tħalli kollox warajk biex tikseb il-ħajja ta' dejjem. (Mt. 13:44-46).

**Indulġenzi –** jiġifieri turija tal-ħniena tal-Missier fil-milja tagħha. Il-maħfra tal-qrar tinħtieġ il-konverżjoni jew tiswija tal-ħsara li toħroġ mid-dnub. Il-pentinenza tal-qrar mhux dejjem tkun biżżejjed u għalhekk huma meħtieġa opri tajba u l-kisba ta' l-indulġenza li tesprimi 'l-għotja sħiħa tal-ħniena t'Alla'.


TA' XMUN

Hardware and Home Improvements

*A Personalised & Friendly Service is assured*

*Happy Easter*

Ta' Xmun Ltd.,
N/B Sciortion Street
Żebbuġ ZBG 03, Malta

Tel: 466548
Fax: 466548


ATTRANS
International Trailer Operators
ATTRANS

# Il-Ġimgħa l-Kbira f'Ħaż-Żebbuġ fis-sena 1919

## *L-Esperjenzi tas-Sur Ġanni Cilia f'din il-purċissjoni*

*Kitba ta' Peter Paul Ciantar*

Is-Sur Ġanni Cilia magħruf bħala s-surmast ta' l-Imġarr (l-iskola ta' dan il-lokal imsemmija għalih) kien minn Ħaż-Żebbuġ (ħu Monsinjur Anton Cilia). Ħafna mill-esperjenzi tiegħu ta' tfulitu f'Ħaż-Zebbuġ qasamhom miegħi fis-sensiela ta' programmi bl-isem QRATAS TAL-KARAMELLI li xxandru fuq Radju Malta Nazzjonali. F'wieħed minn dawn il-programmi is-Sur Ġann tkellem dwar is-sehem tiegħu fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fir-raħal tagħna li kienet saret fit-18 t'April 1919 jiġifieri ftit ġimgħat qabel il-famuż *Sette Guigno*. Dak inhar is-Sur Ġanni Cilia flimkien ma' żgħażagħ oħra Żebbuġin kien refa' fil-Marbut. Naturalment, dak iż-żmien kien statwa waħda (bla suldat).

Is-Sur Ġanni Cilia kien qalli hekk: "F'Marzu ta' l-1919, Salvu Baldacchino

• *għal paġna 41*

**ŻEBBUĠ VIDEO RENTALS**

***40, Vjal il-Ħelsien, Żebbuġ Tel: 468835***

**DISNEY HOME VIDEO**

***Pjazza 7 ta' Ġunju, Ħamrun Tel: 234951***

*Il-ħanut ideali għall-Films Oriġinali u New Releases*

*Kiri ta' DVD – New Release 75cents 1 day or 50 cents 3 days*

• Radios • Stereos • Video Rec. • T.V. • Micro-Genius
• Toys • Cards • Videos Stereo • Home Cinema Surround
• Playstation • Playstation Games

**Nagħmlu photocopies tal-kulur**

# J G

## GAUCI TAL-LINEF

28, Triq il-Wied, Birkirkara
Tel: 443760

Office & Stores – Zebbug
Tel: 461854

***Għal linef, brazzi, ċeramika u affarijiet oħra għad-dar bl-aħjar prezzijiet, Gauci tal-Linef ta' Birkirkara huwa l-post ideali għalikom.***

Il-ħanut ta' Gauci ta' Birkirkara m'għandu ebda konnessjoni ma' ħwienet oħra.

il-Lajku, ħajjarni biex fil-Ġimgħa l-Kbira nerfgħu l-vara tal-Marbut tar-raħal. Konna niltaqgħu l-Mużew f'Ħaż-Żebbuġ. Omm Salvu kienet toqgħod ħdejn ta' Mamo. Kienet ftit imdaħħla fiż-żmien u lilu biss kellha. Tistgħu taħsbu x'kellha bih u kienet tikkuntentah kważi f'kollox. Din tatna kamra biex inlestu ħalli nżejnu l-vara ġo fiha. Malajr sibna tnejn oħra bħalna ta' 15, 16-il sena li kienu Wiġi Chircop tal-Biġa u Toni Bonnici tal-Mogra. Morna għand il-prokuratur tal-Ġimgħa l-Kbira li dak iż-żmien kien Dun Tumas Ebejer, għoġobnieh, ħallasna żewġ xelini u 8 soldi kull wieħed u l-vara għalina."

Is-Sur Ġann fl-intervista kompla hekk: "Iddubbajna erba' bċejjeċ injam twal daqs il-bradella u għoljin xi 5 pulzieri imbagħad dliknihom bit-tafal u waħħalna disinji tas-sempre viva safra u vjola u ward ieħor. Dan kollu għamilnieh fil-kamra ta' Salvu, imbagħad f'Ħamis ix-Xirka qbadnihom u armajnihom flimkien max-xemgħa madwar l-istatwa, waqt li r-reffiegħa l-oħra kienu qed iżejnu l-vari tagħhom u n-nies deħlin jagħmlu l-viżti tas-sepulkru li dak iż-żmien kienu jsiru fl-artal ta' San Ġużepp fil-knisja tagħna f'Ħaż-Żebbuġ.

Jiena fl-intervista staqsejtu, jekk jiftakarx xi ħaġa oħra fit-tiżjin tal-vara għal din il-purċissjoni ta' l-1919. Is-Sur Ġann wieġeb hekk: "Jiena dak iż-żmien kont apprentista t-Tarzna, l-imgħallem tiegħi kien Wenzu Spiteri mill-Birgu u l-assistent tiegħu kien Ġużepp Cassar mill-Gudja. Meta lil Ġużepp Cassar urejtu illi ser

*• għal paġna 45*

PZAMMIT.

Building Contractors

**Philip Zammit**

**Tel: 463204**

# jj supermarket ltd.

Siġġiewi

*(Ħdejn l-iskola)*

e-mail: albert@vol.net.mt

Tel: 4664444     Fax: 466484

Għal xiri bi prezzijiet imraħħsa,
u issa frott u ħaxix frisk kuljum.

**Narawkom**

# JOSEF

## HOBBY-MAN CENTRE D.I.Y.

*(Prop. Joseph Schembri)*

**XOGĦOL TA' L-ARBLI**

Paints, Building Materials, Lighting & Water Fittings,
Plywood & Timber, Garden Needs, Household Goods,
Hand & Power Tools, Frame Making, Glass Cutting,
Keys cut while you wait, Works of Wooden Poles.

Triq Santu Formosa, Żurrieq - Centre
Tel/Fax: 640889

# TANTI

## IRONMONGERY
## &
## HOUSEHOLD GOODS

F. Caruana Dingli Street, Żebbuġ ZBG 04
Tel: 464329

*Visit our stores for all kinds of paints, electrical fittings, water tanks, drainage fittings, stock holds of building material, geysers, power tools, hand tools, glass and key*

**HIRE OF JIGGER & MIXER, GENERATOR, BAYERN & POWERFLOAT**

# SILVIO'S

*For all types of chairs, stools, armchairs and tables*



Chairs and tables

***FOR HIRE***

**Telephones**

**468982,**

**461683**

11, Triq il-Kataniż, Żebbuġ - Malta

# Alfred Rapinett

Għal kull xogħol ta'
Lostru bl-idejn jew bl-ispray,
tiswijiet fuq għamara antika u moderna
ċempel:

***465479, 099 0224***

nerfa' fil-Marbut qalli: "Nagħmillek kaldarun żgħir ta' l-aċitilena biex jekk ikun ir-riħ u x-xemgħa tintefa' intom ma tibqgħux fid-dlam". Din naturalment għal Ħaż-Żebbuġ kienet xi ħaġa ġdida u għalhekk nistgħu ngħidu li l-ewwel vara fir-raħal tagħna li minbarra x-xemgħa kellha wkoll id-dawl (id-dawl ta' l-aċitelena) kienet dik tal-Marbut fl-1919.

Lis-Sur Ġann komplejt nistaqsieh dwar dan u ta' għalliem li kien beda biex jispjega dwar dan peress li din kienet xi ħaġa ġdida. "Il-faħam ta' l-aċitilena kien ikun qisu bċejjeċ tal-konkrit, jiġi fil-krietel minn barra, fi krietel ta' l-injam u konna nixtruh mingħand Matti ħu Dun Luqa li kellu ħanut ħdejn l-isptar. Jekk titfa' l-ilma fuq il-faħam jibda ħiereġ il-gass. Dun Ġann Karl kien joqgħod ma' ġenbna (kompla jgħid is-Sur Ġann) darba qalli li dan il-gass mhux perikoluż għax jitħallat ma' l-arja mentri l-gass li nsajru bih, huwa perikoluż għax ma jitħallatx u jesplodi malli jħoss in-nar. Il-kaldarun kien ikun żewġ bottijiet ta' xi ħames pulzieri kull wieħed, ta' fuq bil-vit, iqattar l-ilma. Meta t'isfel jimtela' bil-gass, itella' lil ta' fuq u jagħlaq l-ilma bil-vit apposta."

Wara s-Sur Ġanni Cilia, bħas-soltu b'dik il-kalma fuqu iżda jistenna wkoll li joħroġ mill-istudio tar-*recording* biex iqabbad il-pipa qalli hekk: "Nhar il-Ġimgħa l-Kbira, missieri filgħodu rama l-ħmara, ġie jsuq ħija Manwel u jiena fuq xkora tiben, tlaqna lejn il-Gudja. Wasalna quddiem il-Knisja u Ġużeppi u ħuh li wkoll kien landier tawni dan il-kaldarun żgħir. Tlaqna lejn ir-raħal biex nimlewh bil-faħam u narmawh fil-vara. Ġbidna l-ammirazzjoni tar-reffiegħa tal-vari l-oħra għax kienet ħaġa ġdida. Sibna erbat iħbieb għall-forċini biex filgħaxija nerfgħu l-vara."

Is-Sur Ġann kompla jispjega li dak inhar tal-Ġimgħa l-Kbira ta' l-1919. "Bdiet il-purċissjoni bl-istandard vjola merfugħ minn ħija Karmnu quddiem, fl-aħħar mess lilna u wasalna fil-bieb tal-Knisja. Iċ-ċuqlajta, (dak l-istrument pre-istoriku li fil-qedem kien isejjaħ għar-riti mqaddsa jew inkella biex jinġabru għad-difiża) tidwi mal-pjazza tagħna. Aħna fil-bieb kburin taħt għajnejn dawk il-mijiet tan-nies lebsin l-iswed waqt li l-banda San Filep iddoqq dawk il-marċi sbieħ funebri quddiem il-vara l-Kbira.

F'dan il-mument, jiena lis-Sur Ġann staqsejtu biex jgħidilna dwar id-dawra tal-purċissjoni ta' dak iż-żmien. Huwa qalli hekk "mill-pjazza imxejna ma Strada Rjali sa Santu Rokku, imbagħad inżilna minn ta' Mamu u għaddejna minn wara t-tribuna jiġifieri wara l-Knisja. Wara t-tribuna, billi dejqa, kull sena kienu jneħħu żewġ ġebliet mill-Knisja għax inkella ma kinetx tgħaddi l-vara l-Kbira. Imbagħad tlaqna lejn l-għassa, inżilna minn Triq il-Parroċċa fejn twieled u kien joqgħod il-poeta nazzjonali Dun Karm Psaila u mxejna lejn Triq San Ġużepp u l-Knisja ta' l-Anġli: wara għall-pjazza. B'kollox domna xi erba' sigħat. Wasalna għajjenin imma sodisfatti li ħadna sehem f'wirja kbira ta' fidi u batejna ftit ma' Kristu" temm jgħid is-Sur Ġann f'wieħed mill-programmi QRATAS TAL-KARAMELLI.

SBM

For all kind of
MARBLES & GRANITE
WORKS

Simon Bonnici
Managing Director

New Street off Tal-Ħandaq Road
Tal-Ħandaq Industrial Estate, Qormi
Tel: 493203  Mob: 0947 0302



## Cassette ta' Marċi Funebri rrekordjat mill-Banda San Filep u li jinsab għall-bejgħ mill-Każin

**VOL I**

| | |
|---|---|
| Maestro Ricordo | Angelo Melilli |
| Il Cipresso | Angelo Melilli |
| Venerdi Santo | Micallef |
| Aria | F. Chopin |
| Aria | L.V. Beethoven |
| Mater Dolorosa | Hendrin |
| Omm Imnikkta | Imelda Tanti |
| In Memory of Rev. L. Callus | Michael Ciantar |
| A Mia Figlia | Bartolucci |
| | Mro M. Ciantar |

**VOL II**

| | |
|---|---|
| A Mie Cari Genitori | A. Calleja |
| Mesto Ricordo | P. Giannini |
| A Mio Padre | Rossi |
| A Diletto Padre Mio | Ph. Attard |
| Riposo Eterno | M. Ciantar |
| Mesto Ricordo | A. Melilli |
| Cordoglio | A. Meruzzi |
| Il Cipresso | A. Melilli |
| He is No More | K. Coleiro |
| A Mio Figlio | Bartolucci |
| | Mro M. Ciantar |

# ALLWOODS & STEEL LTD

*Timber, Steel, & General Building Material Stockholders*

**Żebbuġ Road, Attard - Malta**
**Tel: 418029**


SUPER
5
39
Jirbħu dawk li jaqtgħu
4
NUMRI
5
NUMRI
3